

Brussell, 20 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10611/25

FISC 146
ECOFIN 853

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport tal-ECOFIN dwar kwistjonijiet fiskali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-rapport tal-ECOFIN dwar kwistjonijiet fiskali, li ġie approvat mill-Kunsill (ECOFIN) fl-4106 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ġunju 2025 il-Lussemburgu.

RAPPORT TAL-ECOFIN DWAR KWISTJONIJIET FISKALI**A. INTRODUZZJONI**

1. Dan ir-rapport tal-Kunsill jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress miksub fil-Kunsill taħt il-Presidenza Pollakka, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-aktar dossiers importanti li bħalissa qed jiġu nnegozjati fil-qasam tat-tassazzjoni. Ir-rapport tfassal abbażi ta' diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) li koprew kwistjonijiet tal-politika tat-tassazzjoni orizzontali ta' rilevanza strateġika, f'konformità mal-mandat tiegħu.
2. Il-Presidenza Pollakka kompliet il-ħidma fuq fajls ewlenin, inkluż il-proposti fil-pakkett "VAT fl-Era Diġitali", l-emenda tad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC 9), ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, il-proposta dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, l-aġġornament tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, il-proposta għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u n-negozjati dwar ftehimiet tal-UE dwar it-taxxa ma' xi pajjiżi terzi. Kompliet ukoll il-ħidma fir-rigward tan-negozjati dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti abbażi ta' diskussjonijiet bejn l-Istati Membri fl-UE.
3. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill:
 - a) adotta l-pakkett dwar il-VAT fl-era diġitali;
 - b) adotta l-proposti dwar iċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT;
 - c) laħaq approċċ ġenerali rigward id-Direttiva dwar ir-regoli tal-VAT għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u dwar il-VAT fuq l-importazzjoni fir-rigward tal-inċentivar tal-IOSS;
 - d) adotta d-Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC 9);

- e) approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda ta' żbarazzar u simplifikazzjoni fil-gasam tat-taxxa li tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-UE;
 - f) għamel progress fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija;
 - g) kompla bid-diskussjonijiet fir-rigward tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, kif ukoll bid-diskussjonijiet dwar l-istabbiliment possibbli ta' pjattaforma għall-ipprezzar ta' trasferiment;
 - h) kompla jiddiskuti l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa; u
 - i) ħa nota tal-informazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni rigward in-negozjati dwar l-emendar tal-Ftehimiet tal-UE ma' Andorra, il-Liechtenstein, Monaco, San Marino u l-Iżvizzera.
4. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) kompla wkoll ulterjorment bil-ħidma tiegħu dwar id-diversi kwistjonijiet li jaqgħu fil-mandat attwali tiegħu, inkluż il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif imniżżel fir-rapport ta' kull sitt xhur tiegħu¹. L-aktar aġġornament reċenti mill-Kunsill tal-lista tal-UE sar fit-18 ta' Frar 2025².
5. Informazzjoni aktar dettaljata dwar suġġetti u fajls speċifiċi tinsab hawn taħt.

B. ATTIVITAJIET LEĠIŻLATTIVI

1) Tassazzjoni Diretta

a) Użu ħażin ta' entitajiet fittizji

6. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE (il-proposta "Unshell")³.

¹ Dokument ST 9651/25 + ADD 1-10.

² ĠU C, C/2025/1473, 28.2.2025.

³ Dokument ST 15296/21.

7. L-objettiv tal-proposta huwa li tipprevjeni l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa permezz ta' azzjonijiet minn entitajiet mingħajr sustanza, u li ttejjeb il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-proposta għandha l-għan li tiġġieled kontra l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa mhux xierqa u li tiżgura li l-kumpaniji fittizji fl-UE li ma jkollhom l-ebda attività ekonomika jew li jkollhom attività ekonomika minima ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn vantaġġi tat-taxxa.
8. Fl-ewwel semestru tal-2022 bdiet analiżi teknika tal-proposta, fejn id-delegazzjonijiet kellhom diskussjonijiet ibbażati fuq it-testi ta' kompromess u n-noti ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenzi konsekuttivi. Xi wħud mill-aktar kwistjonijiet diskussi jinkludu l-konsegwenzi tat-taxxa, ir-rabtiet mal-leġiżlazzjoni domestika kontra l-abbuż, l-entitajiet esklużi, is-sustanza minima, il-preżunzjoni konfutabbli u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, iċ-ċertifikati tar-residenza tat-taxxa u l-iskambju tal-informazzjoni. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli pprovda gwida għal aktar ħidma dwar il-kwistjonijiet pendenti. Fil-prinċipju, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-objettivi tal-proposta, iżda kienu tal-fehma li biex jintlaħaq ftehim ser ikun hemm bżonn ta' ħidma teknika sostanzjali ulterjuri.
9. F'Ġunju 2024 ġie ppreżentat approċċ ġdid dwar il-proposta lid-delegazzjonijiet. F'Novembru 2024 dan l-approċċ issarraf f'suġġerimenti konkreti ta' abbozzar dwar xi suġġetti ewlenin, b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni, il-karatteristiċi distintivi, l-obbligu ta' rappurtar u l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll l-azzjonijiet amministrattivi. Dawn is-suġġerimenti ta' abbozzar, l-implikazzjonijiet prattiċi tal-approċċ il-ġdid b'mod ġenerali u l-oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni ġew diskussi fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa f'Novembru 2024. Xi delegazzjonijiet qiesu li huwa importanti li tiġi ċċarata r-relazzjoni mad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (DAC). Ġie enfasizzat li l-passi possibbli li jmiss dwar dan il-fajl għandhom jittieħdu b'tali mod li ma jwasslux għal piż amministrattiv eċċessiv għan-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxa.

10. Taħt il-Presidenza Pollakka, il-Kunsill approva konklużjonijiet li jistabbilixxu aġenda ta' żbarazzar u simplifikazzjoni fil-qasam tat-taxxa bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-UE (ara l-Kapitolu C, it-taqsima (1) hawn taħt). Dawn il-konklużjonijiet fihom prinċipji ta' żbarazzar fil-qasam tat-taxxa li għandhom jiġu rispettati wkoll fin-negożjati dwar il-proposti li qed jiġu diskussi bħalissa. Fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tad-29 ta' April 2025, il-proposta Unshell issemmiet bħala fajl li jista' jiġi analizzat mill-perspettiva tal-prinċipji ta' żbarazzar fil-qasam tat-taxxa.
11. Fis-27 ta' Mejju 2025, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa kellu skambju ta' fehmiet dwar il-fajl. Ġie indikat li s-sovrappożizzjonijiet potenzjali jistgħu jiġu rikonnoxxuti bejn il-karatteristiċi distintivi fl-aħħar test ta' kompromess Unshell u dawk tad-DAC 6, li jistgħu jgħorru r-riskju li skont Direttiva Unshell futura possibbli informazzjoni simili tiġi rrapportata darbtejn, u probabbilment permezz ta' sistemi tal-IT separati. Barra minn hekk, l-oġettivi tad-DAC 6, bħat-tisħiħ tat-trasparenza fiskali u l-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, jikkonverġu mal-għanijiet tal-proposta Unshell. Ħafna delegazzjonijiet kienu tal-fehma li l-għanijiet tal-proposta Unshell setgħu jinkisbu bi kjarifiki jew emendi tal-karatteristiċi distintivi fid-DAC 6. F'konformità mal-aġenda ta' żbarazzar u simplifikazzjoni, id-delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll li kwalunkwe soluzzjoni futura ma għandhiex toħloq piż amministrattiv żejjed. Jista' jsir skrutinju fuqhom ladarba l-Kummissjoni tkun iffinalizzat l-analiżijiet tagħha u ppreżentat proposta leġiżlattiva ġdida possibbli dwar id-DAC. B'konsegwenza ta' dan, irriżulta li l-analiżi tal-proposta Unshell ma għandhiex titkompla fil-Kunsill. Approċċ bħal dan ikun konformi mal-kunċett ta' żbarazzar u simplifikazzjoni fil-qasam tat-taxxa u jevita piż amministrattiv u regolatorju addizzjonali għall-amministrazzjonijiet u l-kontribwenti tal-Istati Membri, kif ukoll kostijiet ta' implimentazzjoni sproporzjonati u rapportar multiplu. B'mod ġenerali dan l-approċċ intlaqa' tajjeb mid-delegazzjonijiet.

b) *Direttiva dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment*

12. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment,⁴ li essenzjalment għandha l-għan li tintegra fid-dritt tal-UE prinċipji u regoli ewlenin fir-rigward tal-ipprezzar ta' trasferiment, li huma maqbuli fil-qafas tal-OECD.

⁴ Dokument ST 12954/23 + ADD 1.

13. Wara l-ewwel diskussjoni ġenerali dwar din il-proposta leġiżlattiva taħt il-Presidenza Spanjola, il-Presidenza Belġjana nediet analiżi fil-fond tal-proposta tal-Kummissjoni fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa. Matul il-Presidenza Ungeriża d-diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa komplew juru li din il-proposta leġiżlattiva ma kinitx qed tikseb biżżejjed appoġġ mill-Istati Membri. Maġġoranza kbira tal-Istati Membri ma raw l-ebda possibbiltà li jsir progress ulterjuri abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni fil-forma attwali tagħha. Ftit Stati Membri biss kienu tal-fehma li d-diskussjonijiet tekniċi setgħu jkomplu, biex jiġi ddeterminat jekk hemmx xi aspetti proċedurali relatati mar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment li possibbilment setgħu jiġu armonizzati b'Direttiva tal-Kunsill.
14. Il-Presidenza Pollakka talbet il-fehmiet tal-Istati Membri fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa dwar jekk kienx hemm xi bidla fil-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill. Id-diskussjonijiet urew li l-Istati Membri għandhom ħafna tħassib, fosthom tħassib fundamentali ta' prinċipju rigward din il-proposta leġiżlattiva u li l-probabbiltà li jista' jintlaħaq qbil hija baxxa. Filwaqt li xi Stati Membri jqisu li hemm il-possibbiltà li xi aspetti proċedurali relatati mal-ipprezzar ta' trasferiment jistgħu jiġu rregolati f'Direttiva, il-kisba ta' kompromess fuq din il-bażi ma tidhirx fattibbli. Madankollu, l-Istati Membri jappoġġaw bis-sħiħ l-oġettiv ġenerali li jitnaqqsu l-kumplessità, il-kostijiet u l-piż amministrattiv kemm għall-kontribwenti kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment.
15. B'mod parallel mad-diskussjonijiet dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill u soġġett għaddispożizzjonijiet tal-Artikolu 296(3) TFUE, il-Presidenza Pollakka kompliet id-diskussjonijiet tekniċi dwar il-possibbiltà li titwaqqaf pjattaforma għall-ipprezzar ta' trasferiment barra mill-qafas ta' Direttiva tal-Kunsill. Dawn id-diskussjonijiet bnew fuq il-fatt li l-Istati Membri appoġġaw u esprimew interess f'metodu ta' ħidma differenti bejn l-Istati Membri, li jżomm ir-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment fil-kompetenza tagħhom u jagħmilha possibbli li jiġu proposti, imfassla u determinati soluzzjonijiet mhux legalment vinkolanti bbażati fuq il-kunsens, f'konformità mal-qafas tal-OECD, għal kwistjonijiet prattiċi fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment, bl-għan li jitnaqqsu l-kumplessità, il-kostijiet u l-piż amministrattiv kemm għall-kontribwenti kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa.

16. Minkejja l-appoġġ ġenerali għall-idea li titwaqqaf pjattaforma għall-ipprezzar ta' trasferiment, l-Istati Membri esprimew fehmiet diverġenti fir-rigward tal-parametri fundamentali tal-pjattaforma, bħall-mandat u l-istruttura tagħha, il-forma tar-riżultati u l-approvazzjoni tal-ħidma tagħha (l-eżiti), u l-possibbiltà ta' impenn politiku biex dawn jiġu implimentati u r-rieżami jew il-monitoraġġ tagħhom. Xi Stati Membri appoġġaw l-istabbiliment tal-pjattaforma b'mandat wiesa', impenn politiku u mekkaniżmu ta' rieżami jew monitoraġġ, li kollha kemm huma kienu kruċjali biex il-Kummissjoni tiżgura l-effettività tal-pjattaforma, iżda ma ntlaħaq l-ebda qbil dwar dik il-kwistjoni.
17. Madankollu, huwa nnotat li l-Istati Membri għandhom predispożizzjoni pożittiva għall-idea li l-Kummissjoni tista' twaqqaf pjattaforma għall-ipprezzar ta' trasferiment, li topera abbażi ta' kunsens bejn l-Istati Membri u li teżamina kwistjonijiet prattiċi fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment, bl-għan li r-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment jinżammu fil-kompetenza tal-Istati Membri u li tfassal u tipproponi soluzzjonijiet mhux legalment vinkolanti bbażati fuq il-kunsens, f'konformità mal-qafas tal-OECD, bl-għan li jitnaqqsu l-kumplessità, il-kostijiet u l-piż amministrattiv kemm għall-kontribwenti kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa.

c) Id-Direttiva dwar il-BEFIT

18. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT),⁵ li l-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jiġi żviluppat qafas komuni tat-taxxa korporattiva għall-kumpaniji multinazzjonali kbar fl-UE. Ladarba tressqet il-proposta dwar il-BEFIT, il-Kummissjoni rtirat il-proposti tagħha dwar il-Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva (il-BKTK/BKKTK), li kienu ilhom mill-2016 jiġu diskussi mill-Kunsill u li d-diskussjonijiet dwarhom ġew sospiżi minħabba n-negozjati globali li bdew b'mod parallel dwar is-soluzzjoni b'Żewġ Pilastru (taħt il-Qafas inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS).

⁵ Dokument ST 12965/23 + ADD 1-3.

19. Fir-rapporti preċedenti tal-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' taxxa ngħata rendikont qasir tal-ħidma preparatorja li saret s'issa.⁶ Taħt il-Presidenza Pollakka, bl-għan li jsir aktar progress fil-qasam tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa, ġie deċiż li jiffokaw fuq għadd ta' prijoritajiet oħra, kif imsemmi fil-parti introduttorja ta' dan ir-rapport.⁷
20. Ir-rapport preċedenti tal-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' taxxa innota li "*xi Stati Membri jixtiequ li ssir diskussjoni politika dwar il-BEFIT, madankollu huwa meqjus li ser ikunu meħtieġa aktar riflessjoni u ħidma teknika minn qabel biex jiġu ddeterminati l-passi li jmiss f'dawn in-negozjati matul il-mandat tal-Presidenza li jmiss. F'dan ir-rigward, diversi Stati Membri ssuġġerew ukoll il-possibbiltà li tingħata prijorità lid-diskussjonijiet dwar ċerti partijiet speċifiċi tal-proposta, bħala triq 'il quddiem. L-analiżi teknika tal-proposta tal-Kummissjoni tista' għalhekk titkompla bl-għan li titħejja diskussjoni dwar l-għażliet politiċi.*"⁸

2) **Tassazzjoni Indiretta**

a) Il-VAT fl-era diġitali

21. Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ħarġet il-pakkett tagħha "Regoli tal-VAT għall-era diġitali", li fih tliet proposti:
- proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali⁹;
 - proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali¹⁰; u
 - proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċert skemi tal-VAT¹¹.

⁶ Dokument ST 11287/24, il-punti 34 sa 38, u dokument ST 16673/24, il-punti 27 sa 30.

⁷ Il-punt 3 ta' dan ir-rapport.

⁸ Dokument ST 16673/24, il-punt 30.

⁹ Dokument ST 15841/22.

¹⁰ Dokument ST 15842/22.

¹¹ Dokument ST 15843/22.

22. Il-pakkett għandu tliet objettivi. L-ewwel nett, għandu l-għan li jimmodernizza l-obbligi ta' rapportar tal-VAT billi jintroduċi rekwiżiti ta' rapportar diġitali bbażati fuq il-fatturazzjoni elettronika. It-tieni, beħsiebu jindirizza l-isfidi tal-ekonomija tal-pjattaformi billi jaġġorna r-regoli applikabbli tal-VAT. U t-tielet, għandu l-għan li jindirizza l-piż amministrattiv billi jimxi lejn reġistrazzjoni unika tal-VAT.
23. Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kunsill (ECOFIN) laħaq qbil dwar dan il-kompromess, li jikkonsisti f'approċċ ġenerali dwar id-Direttiva emendatorja, qbil politiku dwar ir-Regolament emendatorju, u qbil politiku dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni emendatorju. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jikkonsulta mill-ġdid lill-Parlament Ewropew dwar id-Direttiva. Il-Parlament Ewropew ta' opinjoni ġdida fit-18 ta' Frar.
24. Fil-11 ta' Marzu 2025, il-Kunsill adotta formalment il-pakkett¹². L-atti legali rilevanti ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fil-25 ta' Marzu 2025¹³.
- b) Regoli tal-VAT għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u dwar il-VAT fuq l-importazzjoni
25. Fis-17 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet pakkett ta' proposti bħala parti minn riforma wiesgħa u komprensiva tal-Unjoni Doganali, akkumpanjat minn komunikazzjoni intitolata: "Riforma doganali: Inwasslu lill-Unjoni Doganali għal-livell li jmiss"¹⁴. Dan il-pakkett kien jinkludi wkoll proposta dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, jiġifieri proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni (id-"Direttiva dwar bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-VAT fuq l-importazzjoni")¹⁵.

¹² Dokument ST 6304/25.

¹³ ĠU L, 2025/516, 25.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/516/oj>; ĠU L, 2025/517, 25.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/517/oj>; ĠU L, 2025/518, 25.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/518/oj.

¹⁴ Dokument ST 9622/23.

¹⁵ Dokument ST 9638/23.

26. Wieheed mill-għanijiet tar-riforma doganali huwa li tiġi indirizzata ż-żieda drastika fil-volumi tal-kummerċ, fil-biċċa l-kbira xprunata mit-tkabbir straordinarju tal-kummerċ elettroniku li jiġġenera għadd esponenzjali ta' pakketti żgħar ta' merkanzija ta' valur baxx. Każijiet ta' sottovalutazzjoni u qsim intenzjonat ta' kunsinni biex il-valur tagħhom jinżamm taħt il-EUR 150 biex jiġu evitati d-dazji doganali jkomplu jżidu mad-diffikultajiet. Il-proposti ta' riforma għalhekk jippruvaw ineħħu l-eżenzjoni doganali għal merkanzija li tiswa sa limitu massimu ta' EUR 150 u li jintroduċu sistema ġdida ta' tariffi għal kunsinni ta' valur baxx b'erba' kategoriji.
27. Attwalment, dan il-limitu massimu ta' EUR 150 jeżisti wkoll għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni dwar il-fornitur preżunt fid-Direttiva tal-VAT, kif ukoll għall-użu tal-punt uniku ta' servizz għall-importazzjonijiet (IOSS) għall-finijiet ta' VAT: l-applikazzjoni tiegħu hija limitata għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata li ma taqbiżx il-EUR 150. Il-proposta tal-VAT fil-pakkett għandha l-għan li tneħħi dan il-limitu massimu anke għall-finijiet tal-IOSS, biex tallinja r-regoli doganali u dawk tal-VAT fir-rigward tal-kummerċ elettroniku.
28. Barra minn hekk, minħabba li ma kienx hemm appoġġ għal użu obligatorju tal-IOSS fin-negozjati tal-pakkett dwar il-VAT fl-Era Diġitali, taħt il-Presidenza Spanjola u l-Presidenza Belġjana ġiet żviluppata soluzzjoni alternattiva biex jiġi inċentivat l-użu tal-IOSS, b'mod partikolari billi l-fornitur jew il-fornitur meqjus isir responsabbli għall-VAT fuq l-importazzjoni fl-Istati Membri tad-destinazzjoni finali tal-merkanzija (li jimplika li l-fornituri (meqjusa) ikollhom jirreġistraw separatament f'kull Stat Membru fejn jagħmlu negozju jekk ma jużawx l-IOSS).
29. Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn din is-soluzzjoni ta' inċentivazzjoni u r-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ġie deċiż li jiġu diskussi d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-kuntest tal-proposta tal-VAT fir-riforma doganali. Matul erba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa, il-Presidenza Ungeriża kompliet tirfina aktar is-soluzzjoni, inkluż b'miżuri biex jiġi assigurat aktar il-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni u miżura ta' riżerva li tagħmilha possibbli li l-Istati Membri, f'każijiet speċifiċi, jippermettu lill-klijent iħallas il-VAT fuq l-importazzjoni, u ddiskutiet it-tneħħija tal-limitu massimu ta' EUR 150 għall-IOSS.

30. Matul in-negozjati, tressaq suġġeriment biex id-definizzjoni ta' "bejgħ mill-bogħod kollu ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi" tiġi estiża għal provvisti minn imħażen doganali, sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi – f'termini tal-possibbiltà li l-IOSS jintuża għall-finijiet tal-VAT – bejn il-provvisti li jaslu f'pakketi individwali u l-provvisti li jaslu bl-ingrossa f'imħażen doganali biex imbagħad jinbiegħu lill-konsumaturi. Fid-dawl tal-benefiċċji possibbli għall-finijiet ta' kontroll doganali, il-Presidenza Ungeriża inkludiet dan is-suġġeriment fit-test ta' kompromess tagħha tal-abbozz ta' Direttiva dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti importati u l-VAT fuq l-importazzjoni.
31. Filwaqt li t-tneħħija tal-limitu massimu ta' EUR 150 u l-estensjoni għall-imħażen doganali huma relatati mill-qrib ħafna mar-riforma doganali, u jeħtieġ li jiġu diskussi fid-dawl tal-għażliet politiċi li saru fin-negozjati dwar dak il-pakkett leġiżlattiv, ma hemm l-ebda relazzjoni bħal din bejn ir-riforma doganali u l-miżuri biex jiġi inċentivat l-IOSS. Essenzjalment, l-approċċ alternattiv jissostitwixxi biss id-dispożizzjonijiet mill-pakkett VIDA li kienu jagħmlu l-IOSS obbligatorju. Billi jkomplu jinkoraġġixxu d-dikjarazzjoni perjodika tal-VAT minflok il-valutazzjoni u l-ħlas fil-fruntiera, il-miżuri biex jinċentivaw l-IOSS jissimplifikaw il-ġbir tal-VAT. B'żieda ma' dan, minħabba li l-miżuri ser jiskoraġġixxu bil-qawwa n-nuqqas ta' konformità, il-Presidenza Pollakka kienet tal-fehma li dawn il-miżuri huma meħtieġa u mixtieqa purament għal raġunijiet ta' VAT. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri tipprovdi ċarezza dwar il-qafas applikabbli tal-VAT fin-negozjati dwar ir-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.
32. Għal dak l-għan, il-Presidenza Pollakka ħejjiet abbozz bid-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati separatament, akkumpanjat b'dikjarazzjoni li għandha tiżdied mal-minuti tal-Kunsill li skontha l-Kunsill ser ikompli jaħdem fuq l-elementi li fadal tal-abbozz ta' Direttiva. Dan l-approċċ ġie appoġġat ukoll mill-Kummissjoni. B'mod parallel, il-Presidenza organizzat ukoll diskussjoni politika dwar għadd ta' miżuri possibbli biex tissaħħaħ ir-robustezza tal-IOSS bil-ħsieb li possibbilment jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fil-futur.

33. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli, test ta' kompromess rivedut li kien fih biss id-dispożizzjonijiet dwar l-inċentivar ġie appoġġat minn kważi d-delegazzjonijiet kollha. Xi delegazzjonijiet kien għad għandhom riżervi. Biex takkomoda t-tħassib ta' dawk id-delegazzjonijiet, il-Presidenza għamlet għadd ta' bidliet għat-test ta' kompromess u għall-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill.
34. Fit-13 ta' Mejju 2025, il-Kunsill (ECOFIN) laħaq approċċ ġenerali dwar it-test abbażi ta' dan¹⁶. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar it-test bil-ħsieb li jiġi adottat, soġġett għal reviżjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti.
- c) Ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT
35. Fit-8 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ proposti bil-għan li ċ-ċertifikat stampat tal-eżenzjoni mill-VAT attwali jiġi sostitwit b'ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT:
- i. proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud; u
 - ii. proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud.
36. Il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva tal-VAT toħloq il-kundizzjonijiet legali għall-iżvilupp taċ-ċertifikat elettroniku mill-Kummissjoni permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni, filwaqt li l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tipprevedi l-użu alternattiv kemm taċ-ċertifikat stampat kif ukoll ta' dak elettroniku matul fażi ta' tranżizzjoni.
37. Il-Kunsill (ECOFIN) laħaq qbil politiku dwar il-pakkett fl-10 ta' Diċembru 2024, u fit-18 ta' Frar 2025 il-Kunsill adotta l-pakkett formalment¹⁷. L-atti legali ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fit-28 ta' Frar 2025¹⁸.

¹⁶ Dokument ST 8710/25.

¹⁷ Dokument ST 5431/25.

¹⁸ ĠU L, 2025/425, 28.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/425/oj>; ĠU L, 2025/428, 28.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/428/oj.

d) Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)

38. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)¹⁹, ("il-proposta tal-ETD").
39. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ²⁰, li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-pakkett huwa magħmul minn proposti interkonnessi, li kollha għandhom l-istess għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn.
40. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-objettivi li ġejjin:
- a) li ttiprovdi qafas adattat li jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan ikun jinvolvi l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima, u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;
 - b) li ttiprovdi qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE permezz tal-aġġornament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-istruttura tar-rati, u permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-użu ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fiskali mill-Istati Membri; u
 - c) li tippreserva l-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' dħul għall-baġits tal-Istati Membri.

¹⁹ Dokument ST 10872/21.

²⁰ Dokument ST 10849/21.

41. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill (ECOFIN) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta tal-ETD²¹. Fis-6 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill (ECOFIN) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni²² dwar il-proposta tal-ETD u ta gwida politika dwar it-triq 'il quddiem. B'mod ġenerali, il-ministri appoġġaw l-approċċ aktar flessibbli tal-Presidenza u talbu biex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet pendenti. Matul id-dibattitu ta' orjentazzjoni li sar fil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) fl-10 ta' Diċembru 2024²³, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet kienu tal-fehma li l-kompromess milħuq s'issa dwar id-direttiva fl-intier tagħha jirrappreżenta bilanċ delikat bejn fehmiet differenti, li jieħu kont ta' diversi aspetti, bħall-għanijiet ekoloġiċi, l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri, il-kompetittività u s-suq intern. Xi delegazzjonijiet xorta ġibdu l-attenzjoni għal ċerti kwistjonijiet li kienu jeħtieġu aktar diskussjoni. B'kunsiderazzjoni tal-gwida politika, kompliet l-analiżi teknika.
42. Abbażi tal-progress magħmul mill-presidenzi preċedenti, il-Presidenza Pollakka kompliet il-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-ETD. Il-Presidenza ħejjiet testi ta' kompromess sħaħ f'diversi okkażjonijiet. Il-fajl ġie analizzat fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa fit-30 ta' Jannar, fl-1 ta' April u fl-20 ta' Mejju. Informazzjoni dwar il-fajl inġhatat lid-delegazzjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tat-12 ta' Ġunju wkoll. Fl-20 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill (ECOFIN) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-fajl tal-ETD²⁴.

²¹ Dok. ST 9874/22.

²² Dok. ST 14736/22.

²³ Dok. ST 16174/24 REV 1.

²⁴ Dokument 7819/25.

3) Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni

a) Id-Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC9)

43. Fit-28 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni ("DAC9")²⁵.
44. L-objettiv ewlieni ta' din il-proposta leġislattiva kien li jiġu implimentati dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni²⁶. B'mod partikolari, dan jikkonċerna l-Artikolu 44 ta' dik id-Direttiva, li jistipula obbligu għall-entitajiet dikjaranti ta' gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira biex jippreżentaw id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari. Id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' mudell standardizzat.
45. Wara l-ħidma preparatorja,²⁷ fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2025, il-Kunsill (ECOFIN) laħaq qbil politiku dwar it-test tal-abbozz ta' Direttiva²⁸, bil-ħsieb li jadotta d-Direttiva, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti. Dikjarazzjoni mill-Kunsill u dikjarazzjoni mill-Kummissjoni ddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa tal-Kunsill.²⁹
46. Fl-14 ta' April 2025, il-Kunsill (Affarijiet Barranin) adotta d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2025/872 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni.³⁰ L-att legali ġie ppubblikat fil- Ġurnal Uffiċjali fit- 6 ta' Mejju 2025³¹.

²⁵ Dokument ST 15004/24 + ADD1.

²⁶ ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1–58 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2523/oj>.

²⁷ Dokument ST 6760/25 + ADD1.

²⁸ Dokument ST 6845/25.

²⁹ Dokument 7009/25, il-paġna 3, il-punt 4 u l-Anness.

³⁰ Dokumenti ST 6963/25, ST 8024/25.

³¹ ĠU L, 2025/872, 6.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/872/oj>.

b) Ftehimiet tal-UE ma' Andorra, il-Liechtenstein, Monaco, San Marino u l-Iżvizzera

47. Wara d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli mibdija fl-2023³², fis-17 ta' Jannar 2024 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar l-emendar tal-ħames ftehimiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u, rispettivament, il-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino.³³
48. L-għan tan-negozjati previsti dwar l-emendar ta' dawn il-ħames ftehimiet huwa dan li ġej:
- a) li jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u l-ħames pajjiżi mhux tal-UE fil-qafas tal-ħames ftehimiet rispettivi tal-UE, mill-1 ta' Jannar 2026, ikun allinjat mal-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) aġġornat, żviluppat mill-OECD, u jkompli jsir f'konformità miegħu; l-implimentazzjoni tas-CRS aġġornat fl-UE ġiet inkluża fid-Direttiva 2023/2226 (DAC8);
 - b) li r-referenzi legali għad-Direttiva 95/46/KE jiġu aġġornati b'referenzi għar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR), fejn ikun xieraq.

³² Dokument ST 16411/23, p. 17-18.

³³ Dokument ST 5598/24 + ADD 1.

49. Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati dwar l-emendar tal-Ftehimiet li jikkonċernaw l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino, rispettivament³⁴, u qabel dwar id-direttivi ta' negozjati³⁵. Ġie deċiż li fid-direttivi ta' negozjati tiġi inkluża emenda għall-Ftehim mal-Iżvizzera fir-rigward tal-assistenza fil-ġbir ta' taxxi diretti u indiretti.
50. Fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli fis-26 ta' Settembru, l-24 ta' Ottubru 2024, it-8 ta' Jannar, is-26 ta' Frar, id-29 ta' April u t-12 ta' Ġunju 2025, u tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa fil-31 ta' Jannar u s-27 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rrapportat dwar il-progress li sar fin-negozjati dwar ftehimiet emendatorji mal-Iżvizzera, il-Liechtenstein, San Marino, Monaco u Andorra, u sussegwentement ippreżentat l-eżitu ta' dawn in-negozjati, jiġifieri l-abbozz ta' protokoll emendatorji bil-ħsieb li jiġu inizjalati t-testi.

³⁴ Dok. ST 9543/24, ST 9245/24.

³⁵ Dok. ST 9245/24 ADD 1.

C. ATTIVITAJIET MHUX LEĠIŻLATTIVI

1) Konklużjonijiet dwar aġenda ta' żbarazzar u simplifikazzjoni fil-qasam tat-taxxa li tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-UE

51. Fil-konklużjonijiet tiegħu approvati fil-laqgħa tiegħu tas-17 u t-18 ta' April 2024³⁶, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa għal "patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea, ankrat f'Suq Uniku integrat b'mod sħiħ", filwaqt li fakkar fil-ħtieġa għal ċertezza legali u prevedibbiltà, integrazzjoni aħjar, koerenza, ftuħ għall-innovazzjoni u diġitali b'mod awtomatiku, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Fid-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea³⁷, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa għal rivoluzzjoni ta' simplifikazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat qafas regolatorju ċar, sempliċi u intelliġenti għan-negozji u jitnaqqsu drastikament il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rappurtar, b'mod partikolari għall-SMEs.
52. Fid-dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2025 dwar "Ensuring a globally competitive business environment in Europe - simplification, decluttering and regulatory burden reduction", xi ministri semmew il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati s-sistemi tat-taxxa u l-lok għall-iżbarazzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-taxxa.
53. F'dan il-kuntest, il-Presidenza pproponiet li tibda l-ħidma fuq konklużjonijiet tal-Kunsill li jirrappreżentaw il-fehmiet tal-Kunsill u jagħtu gwida dwar inizjattivi possibbli li ġejjin biex tittejjeb il-kompetittività tal-UE u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rappurtar fil-qasam tat-tassazzjoni. Il-proposta kienet appoġġata b'mod wiesa' mid-delegazzjonijiet, u l-Presidenza kkonkludiet li ser tibda taħdem fuq konklużjonijiet abbażi tal-kontributi li rċeviet mid-delegazzjonijiet.

³⁶ Dokument EUCO 12/24.

³⁷ Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea, <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/11/08/the-budapest-declaration/>

54. Dawn il-konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa fl-20 ta' Frar u s-26 ta' Frar 2025. Verżjoni riveduta tal-konklużjonijiet ġiet ippreżentata lill-Coreper fl-4 ta' Marzu 2025, u l-Kunsill approva l-konklużjonijiet fil-11 ta' Marzu 2025³⁸.
55. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tad-29 ta' April 2025, il-Presidenza Pollakka ppreżentat l-approċċ tat-triju ta' Presidenzi dwar is-segwitu għall-konklużjonijiet.

2) **Prodotti tat-tabakk**

56. Fis-26 ta' Frar 2025, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli kellu skambju ta' fehmiet dwar l-isfidi relatati mat-tassazzjoni tal-prodotti tat-tabakk u tan-nikotina. Mid-diskussjoni ħareġ li fin-nuqqas ta' regoli tal-UE dwar it-tassazzjoni ta' prodotti alternattivi emerġenti u minħabba s-suq ta' dawn il-prodotti li qed jiżviluppa malajr, l-Istati Membri, individwalment, introduċew taxxi fuq dawn il-prodotti. Din is-sitwazzjoni wasslet għal differenzi sinifikanti fit-tassazzjoni ta' dawn il-prodotti ġodda, li mbagħad toħloq sfidi amministrattivi fis-sorveljanza ta' dan il-qasam ta' attività ekonomika, li jirriżulta f'distorsjonijiet dejjem akbar tal-kompetizzjoni u finefficijenzi fil-funzjonament tas-suq intern. Matul l-HLWP, kważi l-ebda Stat Membru ma esprima riżervi qawwija lejn inizzjattiva tal-Kummissjoni li tkopri prodotti alternattivi tat-tabakk u tan-nikotina, filwaqt li xi Stati Membri esprimew ix-xewqa li jippreservaw il-kompetittività tas-suq. Barra minn hekk, maġġoranza kbira tal-Istati Membri talbu apertament għal azzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.
57. Għalkemm fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2020 dwar it-tabakk il-Kunsill diġà kien talab lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal rieżami tal-leġiżlazzjoni relatata mat-tassazzjoni tat-tabakk, il-Kummissjoni ma ressqitx din il-proposta u l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 ma jinkludihex lanqas.

³⁸ Dokument ST 6748/25.

3) **Kooperazzjoni amministrattiva dwar il-logħob tal-azzard**

58. Fit-8 ta' Jannar 2025, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli kellu skambju ta' fehmiet dwar it-tiżni tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-logħob tal-azzard biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-suq intern li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Ġie indikat li l-attivitajiet ta' siti web u pjattaformi offshore li joffru possibbiltajiet ta' logħob tal-azzard illegali jistgħu jinvolvu riskju ta' evazzjoni tat-taxxa u telf ta' dħul għall-Istati Membri.
59. Fost l-ideat għal kif għandha tittaffa l-problema, ġew issuġġeriti l-istabiliment ta' grupp ta' esperti u l-użu ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-logħob tal-azzard, inkluż il-ħolqien ta' bażi ta' data. Ġie enfasizzat li l-logħob tal-azzard huwa suġġett multidixxiplinari, bit-tassazzjoni tkun parti minn stampa akbar. Qabel ma tittieħed azzjoni, jeħtieġ li jiġi mifhum aħjar x'inhuma l-lakuni possibbli relatati mat-tassazzjoni u li tiġi mmappjata l-leġiżlazzjoni rilevanti. Fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tas-26 ta' Frar 2025, il-Presidenza tat aktar informazzjoni dwar is-suġġett tal-logħob tal-azzard.

4) **Żviluppi internazzjonali**

60. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli ġie infurmat regolarment dwar l-iżviluppi internazzjonali ewlenin rilevanti fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni.

a) **Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS**

61. Id-delegazzjonijiet ġew infurmati regolarment dwar il-ħidma li kienet għaddejja u s-sitwazzjoni attwali fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, kif ukoll dwar l-aspetti tal-politika tat-tassazzjoni koperti fil-laqgħat tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20.
62. F'dan l-istadju, it-"Two-Pillar Solution to Address the Tax Challenges Arising from the Digitalisation of the Economy" tibqa' waħda mis-sugġetti ewlenin diskussi fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS. F'dan il-qasam, id-diskussjonijiet ewlenin bħalissa jkopru għadd ta' kwistjonijiet importanti relatati mal-implimentazzjoni globali tat-Tieni Pilastru.

63. Filwaqt li implimentazzjoni globali usa' tibqa' objettiv mixtieq, ir-regoli tat-Tieni Pilastru diġà jagħmlu parti mill-acquis tal-UE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni.
64. Minħabba l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet, l-HLWP, fuq l-inizjattiva tal-Presidenza Pollakka, iddiskuta s-sitwazzjoni attwali u għadd ta' għażliet tekniċi għal triq 'il quddiem dwar dawn il-kwistjonijiet.
65. F'dan il-kuntest, u kif imsemmi fid-dikjarazzjoni reċenti tal-OECD/G20 IF dwar il-BEPS wara s-17-il laqgħa plenarja tiegħu li saret mis-7 sal-10 ta' April 2025, ser ikunu meħtieġa diskussjonijiet kostruttivi biex jitmexxa 'l quddiem l-objettiv ta' importanza kritika li jiġu żgurati ċ-ċertezza u l-istabbiltà fis-sistema tat-taxxa internazzjonali.
66. Dawn in-negozjati huma wkoll ta' importanza fundamentali minħabba l-objettiv li tiġi żgurata l-kompetittività ekonomika tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi multinazzjonali kollha kkonċernati. Għalhekk huwa mistenni li l-ħidma preparatorja meħtieġa tkompli kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak politiku, kif xieraq.
- b) Negozjati dwar il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa
67. Fis-27 ta' Novembru 2024, id-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-riżoluzzjoni dwar il-"Promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva dwar it-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti" biex jinbnew in-negozjati formali dwar Konvenzjoni Qafas. L-Istati Membri tal-UE astjenew mill-vot.

68. In-negozjati fil-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar (INC) dwar il-Konvenzjoni l-għdida u żewġ protokollu bikrija nb dew fl-2025, bl-ewwel laqgħat sostantivi saru fi New York mit-3 sas-6 ta' Frar 2025. Matul din is-sessjoni, id-delegati qablu dwar arranġamenti proċedurali u nedew tliet flussi ta' ħidma informali biex jiggwidaw in-negozjati: Il-fluss ta' ħidma I dwar il-Konvenzjoni Qafas, il-fluss ta' ħidma II dwar il-Protokoll 1 dwar it-tassazzjoni tal-introjtu minn servizzi transfruntieri, u l-fluss ta' ħidma III dwar il-Protokoll 2 li jindirizza l-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tat-tilwim. Dawn il-flussi ta' ħidma għandhom l-għan li jiżviluppaw abbozzi ta' elementi u kontribut tekniku biex jiġi appoġġat il-progress fit-testi nnegozjati. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli ġie infurmat dwar id-diskussjonijiet f'intervalli regolari.

5) Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi)

69. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) iltaqa' fid-29 ta' Jannar u fit-30 ta' April 2025, u l-laqgħat tas-sottogrupp saru fl-14 u fit-23 ta' Jannar, fis-27 ta' Frar, u fit-22 ta' Mejju 2025.

70. Ir-reviżjoni biannwali tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ġiet approvata mill-Kunsill fit-18 ta' Frar 2025 u ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-28 ta' Frar 2025³⁹.

71. Rapport aktar estensiv jinsab fir-rapport biannwali ddedikat tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta⁴⁰.

³⁹ ĠU C, C/2025/1473, 28.2.2025.

⁴⁰ Dokument ST 9651/25 + ADD 1-7.

6) L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

72. Fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bil-parteciċipazzjoni tal-Belarussja, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa eżamina għadd ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu jsegwu biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE (fir-rigward tar-Russja u tal-Belarussja) u jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom permezz ta' strumenti ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa.
73. L-ewwel nett, l-Istati Membri qablu dwar il-ħtieġa li jwaqqfu l-iskambji kollha ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa mal-Federazzjoni Russa u mal-Belarussja. It-tieni, l-Istati Membri tal-UE eżaminaw għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-użu tal-kooperazzjoni amministrattiva u strumenti oħra fil-qasam tat-taxxa fil-kuntest tal-infurzar tal-miżuri restrittivi.
74. F'dan il-kuntest, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa ser ikompli jeżamina l-iżviluppi ulterjuri rigward dawn il-miżuri, inkluż il-ħidma li qed issir fuq il-pjattaforma temporanja maħluqa mill-Kummissjoni fit-3 ta' Ġunju 2022 fil-forma ta' sottogrupp tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" dwar l-infurzar tat-taxxa.
75. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tat-12 ta' Ġunju 2025, id-delegazzjonijiet ħadu nota ta' aġġornament mogħti mill-Kummissjoni dwar il-ħidma ta' dan is-sottogrupp.

7) Taxxa f'oqsma mhux tat-taxxa (TINTA)

76. Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli qabel li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa fid-dossiers mhux relatati mat-taxxa li jwasslu għal kwalunkwe bidla fil-liġijiet tat-taxxa jew fil-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri jew li jkollhom konsegwenzi oħrajn fuq it-tassazzjoni, għandhom jaqgħu taħt "mekkaniżmu ta' twissija informali". L-approċċ sistematiku li dawn il-każijiet jitpoġġew għall-attenzjoni tal-esperti tat-taxxa, bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali, kompli jiżgura li l-Istati Membri jingħataw twissija f'waqtha, inkluż fir-rigward ta' negozjati ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli ħa nota tal-aktar informazzjoni reċenti f'dan ir-rigward.

8) Rapporti speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri

77. Fit-28 ta' Novembru 2024, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ħarġet ir-Rapport Speċjali Nru 27/2024 bit-titlu "Ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi u kontra evitar tat-taxxa korporattiva – L-UE stabbiliet l-ewwel linja ta' difiża, iżda hemm nuqqasijiet fil-mod kif il-miżuri jiġu implimentati u monitorjati". Dan ir-rapport eżamina l-isforzi tal-UE biex tiġġieled ir-reġimi tat-taxxa dannużi u l-evitar tat-taxxa korporattiva.
78. Fl-24 ta' Marzu 2025, il-QEA ħarġet ir-Rapport Speċjali Nru 08/2025 bit-titlu "Frodi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-importazzjonijiet – L-interessi finanzjarji tal-UE mhumiex protetti biżżejjed fil-qafas tal-proċeduri doganali għall-importazzjoni simplifikati". Ir-rapport iwwaluta jekk l-interessi finanzjarji tal-UE u tas-suq uniku humiex protetti b'mod effettiv kontra l-frodi tal-VAT fuq l-importazzjoni meta jintużaw proċeduri doganali simplifikati tal-importazzjoni.
79. Fis-26 ta' Frar u fit-12 ta' Ġunju 2025, il-QEA għamlet preżentazzjonijiet dwar ir-rapporti rispettivi fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli.

9) Kummissjoni Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim fit-Taxxa (ITDRC)

80. Fil-laqgħa tal-HLWP tat-12 ta' Ġunju 2025, l-Istati Membri ġew aġġornati dwar in-negozjati dwar Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni ta' Tilwim fit-Taxxa.